

Brussell, 9 ta' Diċembru 2024  
(OR. en)

15965/1/24  
REV 1

AGRI 820  
AGRIFIN 133  
FIN 1050

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                             |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                |
| Suġġett: | Rapport Speċjali Nru 20/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni: Aktar ekoloġiċi iżda mingħajr konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent<br>- <i>Approvazzjoni ta' abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill</i> |

1. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta struzzjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrofinanzjarji (Grupp ta' Ħidma AGRIFIN) biex jeżamina r-Rapport Speċjali msemmi hawn fuq skont ir-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri (id-dokument 7515/00 + COR 1).
2. Dan l-eżami wera li partijiet sostanzjali tar-rapport mhumieħ relatati mal-proċedura ta' kwittanza u xi partijiet jikkonċernaw kwistjonijiet li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti kif definit mit-trattati.

3. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Novembru 2024, il-Grupp ta' Ħidma AGRIFIN iddiskuta r-Rapport Speċjali msemmi hawn fuq kif ukoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-rapport. Tqies li għandhom jitfasslu konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-Rapport Speċjali Nru 20/24. Fid-dawl ta' dawk id-diskussjonijiet, il-Presidenza fasslet abbozz ta' konklużjonijiet (dok.15964/24). Ġiet stabbilita skadenza għall-kummenti bil-miktub għat-2 ta' Diċembru. Waslu għadd ta' kummenti li ġew indirizzati f'test abbozzat mill-ġdid (dok. 15964/24 ADD 1). It-test rivedut ġie ppreżentat fil-Grupp ta' Ħidma AGRIFIN tal-5 ta' Diċembru u l-Istati Membri kollha qablu miegħu. It-test fid-dokument 15964/24 ADD 1 huwa meqjus finali.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa b'dan mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness ma' din in-nota bħala punt "A" f'sessjoni li jmiss.

**Konklużjonijiet finali tal-Kunsill**

**Rapport Speċjali 20/2024 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat:**

***"Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni – Aktar ekoloġiċi iżda mingħajr konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent"***

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali Nru 20/2024 tal-Qorti intitolat *"Il-Pjanijiet tal-Politika Agrikola Komuni – Aktar ekoloġiċi, iżda mingħajr konkordanza mal-ambizzjonijiet tal-UE għall-klima u għall-ambjent"*, li jivvaluta jekk il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK 2023-2027 jipprovdex bażi soda biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika ta' PAK aktar ekoloġika u t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal dan ir-rapport;
2. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tkompli tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajbin "ekoloġiċi", aċċettati mill-Kummissjoni;
3. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tistma l-kontribut tal-PAK għall-oġġettivi ambjentali u klimatiċi tal-Patt Ekoloġiku u JIRRIKONOXXI l-importanza tal-qafas ta' monitoraġġ għall-prestazzjoni klimatika u ambjentali tal-PAK;
4. Meta mqabbel mal-perjodu 2014-2022, JILQA' l-livell oġġla ta' ambizzjoni fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK fir-rigward tal-aspetti ambjentali u klimatiċi filwaqt li JIRRIKONOXXI d-differenzi li jeżistu fost l-Istati Membri f'termini tal-aktar modi adatti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku;

5. IFAKKAR li wieħed mill-għanijiet primarji tal-PAK huwa li tiżgura s-sigurtà tal-ikel fl-UE filwaqt li, fl-istess ħin tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE; madankollu JENFASIZZA li l-PAK hija biss waħda mill-għodod biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku;
6. JIĠBED L-ATTENZJONI għar-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-UE għall-2024<sup>1</sup> li juri x-xejra attwali ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-UE, filwaqt li jistenna li s-settur agrikolu jilħaq it-tnaqqis fl-emissjonijiet li għandu jinkiseb sal-2030;
7. IFAKKAR ukoll li l-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK bdiet biss fl-2023 u li l-perjodu reċenti kien wieħed diffiċli ħafna għas-settur agrikolu Ewropew u għalhekk għadu kmieni wisq biex ikun jista' jiġi vvalutat bis-sħiħ l-impatt tal-PAK il-ġdida fuq l-oġettivi ambjentali u klimatiċi tal-UE;
8. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għall-istabbiltà u l-prevedibbiltà fir-rigward tal-qafas legali u JAPPELLA għal sistema simplifikata ta' ġbir ta' data li tissodisfa diversi ħtiġijiet, li tevita l-ħolqien ta' piż amministrattiv bla bżonn għall-bdiewa Ewropej u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

---

---

<sup>1</sup> Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-UE għall-2024 (COM (2024) 498 final, 31/10/2024)